**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Andre' Degabriele

Vs

Andre' Hili

CCT 26/22/MM

Illum, 27 ta' Settembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-21 ta' Frar 2021 fejn talab is-somma ta' tliet elf u ħames mitt Ewro (€ 3500), rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' xogħol ta' liema r-rikkorenti kien ħallas lill-intimat skont il-ftehim bejniethom sabiex iwettaq xogħlijiet, ta' liema l-intimat baqa' inadempjenti.

Illi minkejja li l-intimat ġie debitament notifikat huwa baqa' qatt ma ppreżenta risposta fl-atti u naqas milli jidher għas-seduti skedati. Illi l-intimat ingħata l-aħħar opportunita' fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Lulju 2022 meta l-każ baqa' differit għal kwalunkwe provi u sottomissjonijiet li huwa jista jkollu, madankollu huwa xorta naqas milli jattendi.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi bil-ġurament tiegħu r-rikorrenti jsostni li huwa kien qiegħed jitlob l-ammont ta' Euro 3,500 rappreżentanti l-ammont li għandu jiġi rifuż lilu mill-intimat wara li dan minkejja li tħallas is-

somma ta' Euro 5000 naqas milli jwettaq ix-xogħlijiet kollha pattwiti. Tajjeb li jiġi enfasizzat li l-intimat bl-aġir tiegħu rrikonoxxa li x-xogħol ma kienx ser ikomplih, dan għaliex, wara li r-rikorrenti ġibidlu l-attenzjoni li d-dewmien kien inaċċettabbli huwa mar fuq is-sit u ġabar l-għodda tiegħu.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ma jistgħax ma jaċċetttax it-teżi tar-rikorrenti meta dan mhux biss ippreżenta sensiela ta' dokumenti biex jikkoraboraw it-teżi tiegħu, imma anki fl-assenza ta' kull oppożizzjoni mill-intimat.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa t-talbiet tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' Euro 3,500.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru